# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb.* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.
Direttur: is Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)
Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174)
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, it-22 TA OTTUBRU, 1912. NRU. 37.


*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
P. ARCISKOF U ISKOF.

## Akraû! Akraû!

L'Imsieħbin tal *Unioni Cattolica* li jafu idokku xi strument, jinsabu mitlubin jatu isimhom u ighidu xi strument idokku, biex tista tinghakad bejniethom *Classi Musicali.*

## Malta taghna.

Kieghed jiġri ħafna cliem—minn ghalina, collu fieraħ!—li jaħtieġ insemmghu aħna ucoll il leħen taghna fuku, biex ħadd ma icun jista jaħseb li, billi ma nindaħlux fil *Politica* u inżommu-ruħna bghid minn cull xorta ta partiti, aħna ma 'nŭeġġghux bħal ħadd-ieħor u daks ħadd-ieħor mita naraŭ tonkos il kima, saħansitra mil Maltin ħutna, lill'isem ghażiż ta Malta taghna. Inħallu il ghilt, u il ġlied, u it-tixŭix, u il mibeghda ghal ħadd-ieħor: imma fl'imħabba tal Patrja nimxu ma ta kuddiem nett u fejn icun hemm bżonn nakbżu ghaliha.

Billi taparsi il kaghda u in-nasba tal Potenzi il Cbar fil Mediterrân kieghda titkalleb u titbiddel, min ighid li l'Inghilterra ma icollhiex bżonn actar ta din il gżira, min ighid li hi tatiha minn jeddha lil Potenza oħra, min ighid li tibdilha mal Eritrêa, jigifieri l'Italja tatiha din l'art u hi tatiha il Malta, min saħansitra ighid i troddha lill Cavalieri ta San Ġŭann jeŭ tirħiha f'idejn il Papa!

Daŭn collha ħrejjet ta daŭc il ghorrief li, chif kâl ŭieħed mil chittieba taghna il gimgha l'oħra, jidhrilhom li jafu jakraŭ fid-dlam!...

L'Inghilterra m'hix ħlief tkaŭŭi dejjem actar il *Furtizzi* taħħa f'din il Gżira: u bghid minnha ŭisk il ħsieb li titlakha f'idejn ħadd-ieħor. Anzi, iżjed ma jersku lejha il Potenzi il Cbar l'oħra — bħalma huma Franza f'Biżerta u l'Italja fi Tripli—iżjed tghożżha u taħżen fiha is-saħħa taħħa, seŭŭa bħala *Furtizza*, biex ħadd ma icun jifläħ ghaliha, u seŭŭa bħala *Tarsna*, biex tcun triek u moghdija ghall'artijet l'oħra li ghandha taħt idejha...

U aħna, mhux biss bħala *sudditi fidili* lejha, bħala *Cattolici* li ghandna taħt il bandiera ingliża ŭisk actar libertà fir-Religjon milli ghandhom il *Cattolici* ta nazzjonijet taparsi *Cattolici*, imma ucoll ghax hecc jakblilna ghall ħajja, ghar-rġulija, ghall cummerċ u ghal collox, nixtieku u nitolbu ll'Alla li katt ma tŭarrab minn haŭn il bandiera ingliża, ghax ma 'rridu nibdluha mal ebda ŭaħda mil ħafna, cbar u żghar, li haŭn imxennkin ghalina.

Imma, fl'aħħar, imbaghd, Malta taghna: u ħadd ma ghandu il jedd li jibdilha ma art oħra, jeŭ ibiehha, jeŭ jatiha lil min jindhirlu hu, bla sensja taghna.

Malta taghna, ghax Ruggieru in-Normannu ħelisna mis-Saracini u tâna il bandiera tieghu, fil ŭakt li ghakkadna mas-Saltna ta Skallija! Malta taghna, ghax mita Carlu Ħamsa, Sultan ta Skallija u taghna, rahan din il gżira fuk tletin elf fjurin, aħna fdejniha minn ġdid; u, imbaghd, mita ried jatiha lill Cavalieri ta San Ġŭann, daŭn, kabel ma meddeŭ riġlejhom haŭn, talbu is-sensja taghna, chif jidher mictub fl'Attijet tan-Nutar Ġacbu Saliba, fis-17 ta ġunju 1530, ghax Carlu Ħamsa *ma chellux actar il jedd jatihom din il gżira, mirhuna minnu u mifdija bi flusna!* Malta taghna, ghax il Franċiżi checceŭ minn haŭn il Cavalieri u aħna checcejna minn haŭn il Franċiżi! Malta taghna, ghax l'Ingliżi, b'*Sentenza* moghtija mil Cunsill tal Milordi, fil 25 ta frar 1830, stkarreŭ huma stess li «il Gvern ingliż ma ħax is-Saltna tieghu fuk Malta minn ghand il Franċiżi, *imma ħâdha bir-rieda tal Maltin, li minn jeddhom ghażlu l'Inghilterra* BIEX TIGGVERNAHOM! Malta taghna, fl'aħħar nett, ghax, ŭara li chienu telku minnha il Franċiżi u conna ghadna ma tajnihiex lill'Ingliżi, il *Cungress tal Maltin*, miġbur bis-sensja ta li stess Cameron, Cumissjunarju tar-Re tal Inghilterra, kata darba ghal dejjem fil famusa *Dichiarazjoni tad-Drittijet* li «il Gvern ingliż, kabel ma jieħu il Malta taħt idejħ, ghandu jaghmel tajjeb li jibka iħares id-*drittijet* u il *privileġġi* taħħa, li ghandu *jiggvernaha b' Cunsill maghżul mil Poplu* (A REPRESENTATIVE GOVERMENT) u li *jecc jixba mnnha ma icunx jista icediha lil nazzjon oħra*», bħalma tasseŭ ŭeghdu il Capijet tal Inghilterra!

Mela, m'humiex ħlief ħmerijet, ħlief frughat u tlablib ta daŭc li jafu jakraŭ fid-dlam, daŭn ix-xnieghat li kieghdin jinkalghu: Malta taghna u l'Inghilterra, li tghożżha bħal ħbub ta ghajnejha, jecc mhux ghalina, ghaliha, taf actar minn cull-ħadd li ma tistax tarmiha bħal lummija maghsura!

## XI N'HUMA
## IL CONGRESSI EUCARISTICI.

Illum il Cnisia Cattolica tinsab collimchien mħabbta, maħkura, misruka min-nies ħżiena, li iridu jekerduha ghal collox. Ghalech l'ulied taħħa, li jistħokkilhom tasseu dan l'isem jaghmlu huma ucoll chemm jistghu sabiex iħarsuha, iuieznuha u jgheinuha tghamel dac il gid, li ghaliħ Alla kighedha f'edina l'art. Aħna li nghixu mifrudin mil bkia tad-digna, u mbighedin minn fein actar tħaġġeġ din il guerra kalila, ma nistghux naħsbu chemm dauc il Cattolici ħutna jonfku, jaħdmu, ibatu ghal gid tal Cnisia u ta l'eruieħ b'cotba, bi schejjel, b'lekghat, b'talb u pellegrinaggi u bi ħuejjeġ bħal daun.

Fost tant xoghol mkaddes, uieħed mill'isbaħ u ta icbar gid hu dan, li coll sena, f'uaħda mil bliet actar cbar u msemmija, jingiabru u jiltekghu Cardinali, Iskfiet, nies oħrajn tal Cnisia, seculari ghorrief, nobli u ghanjin, minn collimchien, coll min irid: f'edaun il lekghat, li idumu actarx tliet t'jem, isiru discorsi u tfieghim chif Gesù Sagramentat jista icun aħiar mgharuf u maħbub, u icollhu icbar kima minn collħatt: fli stess zmien isiru festi fil cnisia u barra, u fuk collox processioni bis-Sagrament ma l'eulenin triekat tal belt. Daun il lekghat, li jisseiħu *Congressi Eucaristici* bdeu isiru tlieta u ghoxrin sena ilhu, u jeħu ħsiebhom Comitat apposta, jeŭ giabra ta persuni cbar, li ghandhom b'cap jeu president il Mons. Heylen, Iskof ta Namur, fil Belgio. (*)

(*) Nhar il gimgha, ŭasal haŭn, biex jaghmlilna żjara; u siefer il lejl li ghadda.

ID-DIREZZJONI.

Chemm gid jaghmlu daun il Congressi Alla biss jaf; aħna b'xi mod naħsbuħ minn dan, li f'edaun il lekghat Gesù Cristu jirbaħ l'isbaħ trionfi fis-Sagrament ta l'icbar mħabba tighu lein il bniedmin, fejn jidher tasseu Re tal Cnisia, dejjem maħħa fil persuna tighu, tasseu Alla u Bniedem, ħajja tal Nsara, bil milja collha tal gid tighu bla kies; u dan, mita id-digna ħazina m'hux biss tmieriħ, tiddieħac biħ u tahkru f'dan li stess Sagrament, izda tghamel l'aħħar setgha taħħa sabiex takilghu barra ghal collox mil gvern, mil ħajja, mil kalb u mil ħsieb tal bniedmin, li hu ħalak u fida b'demmhu stess. Ma jistax icun immela li Hu ma iħallasx, chif Hu uaħdu jaf u jista jghamel, il ħrara u ix-xoghol ta daun il Congressi, li jisueulhu gieħ u gloria hech cbira: u forsi nistghu nghidu li minnhom hu gei fil biccia il cbira, li jech il Cnisia illum ghandha uisk x'idejjakħa u ibicchiha, uisk ucoll ghandha x'ikauuilha kalbha u iferraħħa.

U li dan hu hecc, juriħ ucoll il Papa bli mgiba tighu. Hu m'hux biss (bħal ma jghamel ghall'opri mkaddsin l'oħrain tal Cattolici, li semmeina) irid li isiru il Congressi Eucaristici, u ifaħħarhom, ibierichom u jghaniħom bil gid tas-sema, li ghandu f'ideiħ; izda irid icollhu fihom sehem cbir, billi jibghat Cardinal, li jaghmel minn flochu bħal cap jeu president ta li stess Congressi.

Is-sena il Congress ingiabar Vienna, l'eŭuel belt tal Austria; u collox irnexxa trionf mill'icbar ta Gesù Sagramentat u tal Cnisia, chif rnixxeu, fost l'oħrain, dauc li saru kablu f'Madrid, f'Londra, f'Montreal u f'Colonia.

Is-sena li gejja il Congress Eucaristicu, li icun l'erbgha u ghoxrin uieħed, jingiabar f'Malta. Il Cardinal ta Westminster (Inghilterra) ħadem u rnixxielhu li Malta icollha din ix-xorti, li tistħokkilha, jech m'hux ghal cburitha, ghallinkas ghal ħrara u il kauua, li bihom ħarset dejjem ir-Religion Cattolica. Monsignur Pietru Pace, Arciskof ta Malta, chiteb darbtein Littra Pastorali lil Maltin, sabiex jatihom l'aħbar tant cbira, u jordna dac li jinħtieg, sabiex il Congress iseħħ ta l'icbar gieħ lil Gesù Cristu u lil Malta ucoll, u ghazel Comitat, sabiex jeħu ħsieb iħeji collox: fiħ huma Canonici tal Catedral, Arcipriet u Cappellani, Prelati, Superiuri tal Ordnijet Religiusi, Capijet tal Officini tal Gvern, Mħallfin, Diretturi ta Colleggi u ta Gazzetti, f'chelma uaħda leulenin nies li ghandha Malta. Daun ghandhom jaħdmu taħt id-direzioni ta li stess Arciskof Mons. Pace, tal Iskof Ausilirrju tighu, Monsingur Portelli, u tal Iskof taghna, Monsignur Camilleri.

Malta, jech Alla irid, tara is-sena li gejja nies cbar barranin, u festi, daks chem katt ma rat minn issa lura, u icollha fiex tiftacar u biex tiftaħar ghal uisk u uisk snin; izda din ix-xorti tkumilha ucoll uisk; ghaliex li spejjes icunu tasseu cbar.

Jech il Ghaudxin ghandhom tant x'jorbothom mal Maltin; f'din il ħaġa tal Congress ghandhom icunu ħaġa uaħda maħħom. Ħatt ma jaħseb li din il-lekgha setghet issir Ghaudex, ghaliex ma ghandniex u la fein u la chif nilkghu tant barranin, u nies minn din ix-xorta: li ma icolna mbaghat ebda sehem fil Congress ta Malta, chien icun ghaib cbir ghalina. Hu immela dmir taghna Ghaudxin li ngheinu chif nistghu lil ħutna il Maltin f'din il ħaġa tant cbira u sabiħa. Ghalech giè mghazul Comitat ucoll ghal Ghaudex, li jeħu ħsieb jiġbor flus minn din il gzira b'ghainuna ghal li spejjes tal Congress Malti. Monsignur Iskof taghna, f'Littra Pastorali tighu ta April li mghoddi, uera chemm ghandhu xeuka u ħrara cbira li il poplu ta Ghaudex jgharaf u jistma chif imiss il Congress, u jghein lil Comitat fix-xoghol tighu.

Il fakar fostna hu cbir, u din is-sena actar minn dari. Dan ifisser li ma nistghux nghamlu ħuejjeġ cbar: izda mill bkia, jech *coll-ħatt* jghein ruħu, tista tingiabar somma sabiħa, minn ghair ma jinħakar ħatt. Il Comitat ghalech ħaseb li f'coll parroccia, taħt id-direzioni tal Arcipriet, jeu Cappellan, li icun, issir giabra chif seirin nghidu: Collħatt jinchiteb ghal dac li irid jati fil gimgha, sold, sitt ħabbiet, tliet ħabbiet; din il chitba issir minn nies mghazulin mil Cappellan, u huma ucoll jeħdu ħsieb jghaddu dar dar, jiġbru dac li collħatt icun uighed li irid jati. Din il giabra tibda f'Settembru u tissocta sa Frar collhu—sitt xhur.—.Ħatt ma hu hecc fkir, li ma jistax jati ghallinkas tliet ħabbiet fil gimgha minn ghair ma iħossha: intant il ftit tal ħafna jghodd uisk.

Dauc mbghat li jistghu jatu xi ħaġa seuua f'dakka uaħda, darba biss, icunu mictubin minn dauc li jigiu iddestinati mil Comitat, u isimhom icun mnizzel f'carta apposta, li mbghat tcun stampata, jech jghogiob lil Comitat ta Malta. Ma hemx bzonn nghidu li collħatt ghandhu jati minn kalbhu, u il uisk jeu il ftit li jista.

Chif ghidna, il Congress Eucaristicu hu trionf mill'icbar ta Cristu Sagramentat u tal Cnisia tighu, u ħaġa mbierca, mfaħħra, mixtieka mil Papa: dan hu uaħdu bizzejjed ghal min hu tasseu Nisrani, sabiex jghamel chemm jista biex il Congress iseħħ mill'aħiar: ghaliex Cristu hu Alla u Re tghana, il Cnisia hi ommna, u il Papa missier tghana, u dac collhu li hu taħħom u imiss lilhom, hu ucoll tghana u imiss lilna.

Ghidna ucoll li f'daun il Congressi Gesù Cristu ixerred b'cotra cbira il barca tighu fuk collhu chemm hu il poplu nisrani: jigi uaħdu li sehem icbar minn din il barca tmiss lil dauc, li bix-xoghol, bil chelma u bil flus taħħom icunu hec cattru fil bniedmin il gieħ u li mħabba leiħ: u din il barca tisua sgur ghainuniet ta coll xorta, sabiex nghixu seuua u nsalvau ruħna.

Ghalchemm bħala Nsara, f'colma nghamlu ghandna naħsbu biss ghal gid tar-ruħ; nistghu ngheinu ruieħna u nitħajru nghamlu it-tajjeb bil ħsieb ucoll u bit-tama tal gid tal gisem u tad-dinja, sachemm dan ma ifixchilx il gid tar-ruħ. Nistghu immela nittamau li Gesù Sagramentat, chif sgur ibiericna fir-ruħ, ibiericna ucoll fil gisem u fi ħuejjigna; u li bi ħlas tal kima cbira, li sejjer icollhu f'Malta is-sena li gejja, jghoġbu ucoll jeħles lil daun il gzejjer mill ghaks ta coll xorta, li biħ jinsabu maħkurin.

Izda il Congress *fiħ innifsu* ma jistax ma inissilx ucoll xi gid tad-digna. Nħallu l'onur li jghamel lil Maltin u lil Ghaudxin, u lil dauc actar, li icunu ħadmu jeu tau xi ħaġa biex iseħħ; il giabra ta tant nies cbar u il festi li isiru, icollhu xorti min jarahom, ghaliex ta cburija ġdida ghal pajjis, u ma jerġhux isiru darb'oħra: u il Ghaudxin ucoll icunu jistghu igauduhom, ghaliex il Congress idum tliet t'jem, u il Cumitat jghamel chemm jista biex icun hemm chif collħatt jista imur Malta u jigi, nghamlu ucoll li uieħed ma iridx jeu ma jistax jghaddi hemm il-leil. Dac li hu actar, tant frustieri li jiltekghu f'Malta, jonfku uisk, u dan ikankal il commerċ b'gid ta Ghaudex ucoll; uisk minn dauc il frustieri sgur jitħajru ucoll jghamlu xi ziara lil gzira taghna.

Ħatt immela ma jista jghid: Il Congress hu tal Maltin, huma igauduħ u huma iħallsuħ. Le: ilcoll chif naħsbuha, il Congress hu tghana Ghaudxin ucoll u ta gid lilna: u ghalech jixrak u jakblilna li niftħu ideina aħna ucoll, u ghal bzonn nbatu xi ħaġa sabiex bil ftit tghana nghinu il uisk li jghamlu il Maltin.

Ghaudex, l'24 ta Settembru 1912.

Il Comitat.

# Iskof Heylen.

Fuk li ghamel Monsinjur Heylen chemm dâm haŭn Malta ghedna xi ħaġa żghira band'oħra, illum stess, u ghad nghidu actar il gimgha id-dieħla, ghax iż-żjara li giè jaghmlilna ghal tal apposta il *President tal Cumitati Eŭcaristici Universali* hi ħaġa tal impurtanza ŭisk ghalina: imma irridu ingibu id-*Discors* li ghamel, nhar is-sibt li ghadda, fis-Sala tal Palazz tal Iskof, kuddiem il Cumitat Esecuttiv tal Cungress taghna, *Discors* li id-Direttur tal *Habib*, billi hu ŭieħed miżżeŭġ Segretarji ta dac il Cumitat, irnexxielu jieħdu chelma b'chelma minn fommu:—

«Sinjuri, l'eŭŭel nett, nitlobcom tiscużaŭni jecc ma nitchellemx tajjeb bit-Taljan: ili ma inħaddem ilsieni fiħ ma dŭar 25 sena u ma nitchellemx biħ ħlief mita icun Ruma. Mela, jecc naghmel xi żbalji, nitlobcom tiscużaŭni....

(Haŭn Monsinjur Paċ, li chien kieghed ma genbu, kâl: *Din umiltà tieghec, ghax it-Taljan tafu tajjeb ħafna*)....

« Sinjuri, jena ghandi tâma cbira li il Cungress Eŭcaristicu ta Malta jirnexxi tajjeb ferm, ghax diġà rajt chemm il Maltin huma nies tal Cnisja. Da 'l ghodu, dort ħafna Cnejjes: u bkajt mghaġġeb bil ghadd cbir ta nies li sibt fihom, ghalavolja ġurnata tax-xoghol. Il barranin li jiġu ghall Cungress jitghallmu ħaġa minn Malta: li haŭn ir-rgiel imorru cull-jum il Cnisja: u b'dan tcunu tajtu esempju cbir lid-dinja collha cattolica. Il Papa jaf chemm intom miġbudin ghar-Religjon; u issa, fiż-żjara li ghamiltlu kabel ma tlakt ghal haŭn, kalli: «Ghid lill Maltin, fl'isem tieghi, li jen mhux biss irrid il Cungress taħħom jirnexxi cbir daks l'oħrajn ta kablu, imma nittâma li jisbokhom collha. Ghidilhom li, chiecu nista, cont nigi jen stess ghaliħ; u li, jecc mhux bil gisem, incun hemm maħħom b'ruħi u b'kalbi collha. Ghidilhom ucoll li min fosthom jigi haŭn il-Vatican u icun ħa sehem fil *Cungress*, jen natiħ li jidħol iżurni qŭasi bil jedd.»—Sinjuri, jidher ċar li il Papa ghandu ghalicom il Maltin gibda cbira: frattant, baghat mieghi lil cull-min jaħdem biex jirnexxi dan il Cungress il barca tieghu.

«Sinjuri, il *Cumitat Permanenti tal Cungressi Eŭcaristici Universali*, li jen il President tieghu, jaticom id-daŭl collu u il ghajnuna li teħtieġu: imma hu irid iħalli collox f'idejcom, biex tmexxu intom, persŭas, chif issa sgurani ucoll l'Iskof Portelli, President taghcom, li intom il fjur tal aħjar Cattolici ta Malta.

«Nhar it-tnejn, fil lakgha tal Cumitat General, nitchellmu fuk collox: imma nista nghidilcom mn'issa li ix-xoghol tal Cungress isir f'ħafna Cnejjes, ghax, ghal-chemm il ghakda il cbira (*Sezzjon principali*) tcun bit-Taljan, chif in hu xierak, irid icun haŭn ucoll il fergha (*Sezzjon*) ingliża, il fergha franciża, il fergha spanjola, il fergha tedesca u il fergha belgjana: u cull fergha minn daŭn taħdem fi Cnisja ghaliha. Imbaghd, fil Lakghat Generali, jigifieri tas-Sezzjonijet collha flimchien, ŭara id-Discorsi bit-Taljan, li diġà sejjaħnielhom il principali, jixrak ucoll, f'dan il Pajjiż, li xi ħadd jitchellem bl'Ingliż, bħalma jaħtieġ li xi ħadd ieħor jitchellem bil Franciż, li aħna inkisuħ il lsien ta daŭc collha li ma jafux bit-Taljan u bl'Ingliż....

(Haŭn Monsinjur Portelli, li chien kieghed ucoll ma genbu, kabeż kâllu: *U, fl'aħħar nett, bil Malti ghall Poplu*)...

«Tajjeb ħafna—ŭieġbu Munsinjur Heylen;

u baka sejjer:— Sinjuri, il *Cumitat Permanenti* irid li il *Cungress Eŭcaristicu* f 'cull Pajjiż jieħu il bixla ta dac il pajjiż: u b'dan il mod, fil ŭakt li il Cungressi joħorġu cbar collha, ebda ŭieħed, tista tgħid, ma icun jixbaħ lill'ieħor. Mita cont Spanja, ir-Regina, li tatni l'onur nagħmlilha żjara, staksietni ħabta u sabta: *President, liema deħerlec li chien l'isbaħ il Cungress ta Madrid jeŭ ta Londra?...* Intom, Sinjuri, tafu li ir-Regina ta Spanja hi Principissa Ingliża: u taraŭ li ir-risposta tiegħi chienet nitfa tkila. Imma jena deħerli li stajt inŭieġibha hecc, bil cunxenza collha: *Maestà, ma nistax ngħidlec liema chien l'isbaħ minnhom: chienu sbieħ u cbar ferm it-tnejn: imma ta Madrid chien Cungress Spanjol u ta Londra chien Cungress Ingliż!*—Tagħcom, mela, Sinjuri, għandu icun *Cungress Eŭcaristicu Malti*: cbir u sabiħ daks l'oħrajn collha: imma collu tagħcom.

«Ħafna kâlu li Malta ċċhejcna għall *Cungress Eŭcaristicu Universali*: imma jena ngħidilcom li m'hix. Anzi il Papa għandu f'rasu li l'ebda pajjiż tad-dinja ma hu aħjar minn Malta biex isir fiħ il *Cungress Eŭcaristicu*: u jen issa sejjer minn haŭn ucoll bil fehma tiegħu. Imm'intom, Sinjuri, aħdmu, aħdmu, dejjem bil ħrara, chif l'Arci-Iskof tagħcom sgurani li ħdimtu s'issa, għax il Cungress joħroġ chif tagħraf thejjiħ. U hecc il barranin jiġu haŭn minn cullimchien biex jaraŭ actar magħruf u maħbub Gesù Sagramentat, li m'hux biss ir-Re ta cull bniedem għaliħ, imma ir-Re tar-Rejjet u tan-Nazzjonijet collha fimchien!»

Imbgħad, Monsinjur Heylen, kabel ma infired mil Cumitat Esecutiv u ħa b'id cullħadd, kâl, collu ferħan: «Haŭn Malta, nagħmlu ħaġa li s'issa għâdha ma saret imchien, għax imchien ma sibna post għaliha bħalma rajt haŭn da'l għodu! Natu il Barca ta Gesù lill Baħar: u natuha mil *Barracca ta fuk*, li jen għadni ma rajt imchien il ġmiel tal posizzjoni taħħa. Żejjnuha tajjeb, għax tista tigi ħaġa li issaħħar il Barranin collha!»

# Ma dûar il Gżira.

—L'Iskof ta Namur, Monsinjur L. T. Heylen, President tal *Cumitat Permanenti tal Cungressi Eŭcaristici*, ŭasal haŭn Malta, nhar il gimgħa, bil-lejl; u l'Arci-Iskof tagħna lakgħu fil Palazz tiegħu tal Belt, fejn stieden ucoll liex imorru ibusulu idejħ il Membri collha tal *Cumitat General tal Cungress Eŭcaristicu ta Malta*. Nhar is-sibt, fl'erbgħa ta ŭara nofs in-nhar, l'Iskof Heylen ħa sehem fil *Lakgħa tal Cumitat Esecuttiv*, li saret il Palazz tal Iskof, għal tal apposta; u nhar it-tnejn, ilbieraħ, ħa sehem uco l fil *Lakgħa tal Cumitat General*, fl'Oratorju ta *San Ġuann*.

—Il *vôti* għall Cunsilieri tal Poplu (tnejn biss, tal *Eŭŭel* u tal *Ħames* Distrett, għax għas-Sitt Distretti l'oħra ma ħareġ ħadd contra il *Candidati*, jigifieri contra il *Mresskin*, mil *Cumitat tal Patrijotti*) intagħtaŭ, bħalma ħabbarna, nhar l'erbgħa u nhar il ħamis tal gimgħa l'oħra; u inkraŭ nhar il ħamis stess, fis-Sala tal Giurì, li chienet mimlija bħal bajda bl'aħjar nies ta Malta, fid-disgħa ta bil lejl. Il vôti tal *Eŭŭel Distrett* (jigifieri il Belt collha, barra minn taħt strada Forni lejn tas-Sliema) ħarġu hecc: għat-*Tabib Andrè Pullicin*, 403—u għas-*Sur Carm Lanzun*, 21; u tal *Ħames Distrett* (jigifieri l'Isla, iż-Żejtun, ħal Tarxien, Raħal ġdid, il Gudja, ħal Għaxak u ħal Chircop) għat-*Tabib Ġann Feliċ Inglott*, 688—u għas-*Sur Carm Lanzun*, 175. Xejn actar! Għal fejn?...

—Smajna li tas-Sliema (Molo Marina, numru 12), sejjra titŭakkaf fabrica cbira tas-sigarretti, bl'isem ta *The Anglo Egyptian Cigarettes Company* u b'żeŭġ fergħat il-Belt u il-Birgu. Nittamaŭ li tmur il-kuddiem u icollha ħajja tŭila, chif b'kalbna collha nixtiekulha.

—Nistħajjlu li il Maltin jieħdu gost icunu jafu li, daŭn il ġranet, l'Eminentissimu Cardinal Bourne, illum maħbub minnhom bħal biċċa minn kalbhom, raġa chien Ruma, fejn chellu lakgħa *privata* mil Papa il gimgħa li għaddiet; u fiha, bla dubju xejn, raġa tchellem Miegħu fuk il *Cungress Eŭcaristicu tagħna*. Sa dan il mument, għadu ħadd ma jaf min icun il Cardinal Delegat mil Papa għall *Cungress Eŭcaristicu ta Malta*, għad li ħafna isemmu l' Eminentissimu Bourne; u għandu mnejn inkas li stess Papa għadu ma għamel f'rasu lil min jibgħat f'lôcu: imma, hecc jeŭ hecc, il Cardinal Bourne icun magħna u icun ŭieħed mill'actar milkugħa, għax nafu chemm għamel għalina u chif jitchellem fuk il Maltin geŭŭa Londra u geŭŭa Ruma. Alla iżomm idejħ dejjem fuku.

—Daŭn il ġranet, chienu jinsabu ucoll geŭŭa Ruma il Professuri Napuljun Tagliaferro I.S.O. u Temi Żammit, M.D., C.M.G, għall *Cungress Archeologicu*, jigifieri fuk l'antichità: u hemm, bla xejn dubju għamlulna onur cbir, għax it-tnejn f'dac il għerf huma mill'actar imsemmija, mhux biss haŭn, imma fl'aħjar inħaŭi tad-dinja.

—Dac li chitbilna mil *Ħamrun* biex igħidilna chemm hu imħares ħażin hemm il *Galateŭ Imkaddes*, għandu ragjun ħafna u it-tgħemgħim tiegħu daħlilna f'kalbna: iżda mhux hemm biss: u għal xejn nitchellmu u inħanbku, sa chemm ma jagħfasx min għandu jagħfas!

—Nittraducju chelma b'chelma mil *Malta* tas-sittax ta dan ix-xahar: «Pittur ġdid Malti, li ħa onur.—Fil Cnisja ta San Alfonsu tar-Reverendi Patrijet Carmlitani Scalzi (*Ħafjin*) ta Birchircara, tkiegħed, daŭn il ġranet, fl'eŭŭel Artal fuk il lemin ta min icun dieħel il Cnisja, qŭadru sabiħ ta *San Ġŭanni della Croce*. Dan il qŭadru pingieħ Malti, Fra Lŭigi ta *San Giusepp*, Ajc ta dac l'Ordni (li, kabel daħal fiħ, chien cunjomu Poggi): żagħżuħ li chien trabba fid-*Dar ta San Giusepp*, tal Ħamrun. Dan l'Ajc, ŭara li chien ŭira xeħta cbira għall Pittura fis-Santŭarju tal *Monti Carmelu*, fejn dâm fuk tnax il sena, u fil Cnisja ta Kâna, fil Palestina, giè mgħajjat Ruma mis-Superjuri tiegħu u hemm ħadem dan il qŭadru sabiħ tiegħu, li giè imfaħħar mil li stess Periti ta Ruma u minn cull min jifhem: qŭadru tas-seŭ ta min imur jaraħ.»

—Nhar is-sibt, fil-għaxija, jiftaħ li stabbiliment il ġdid tas-Sinjuri Camilleri, *Żerrec*, haŭn il-Belt, strada *Santa Lucija*, numru 137, fuk id-*Dolcerija* taħħom stess, imma bieb il-fuk minnha u b'daħla għaliħ. Giè sabiħ ŭisk u fiħ żeŭġ pjani fuk xulxin, fejn, barra mil ħelu (li, f'dic id-*Ditta* onesta minn collox, għandu xniegħa tajjba u antica) icun hemm cull xorta ta xorb mill'aħjar u naħsbu li icunu imorru hemm il familji miġbura u ta katgħa tajjba.

—Fil Palazz *Caraffa*, strada Forni, 94, l'*Unjoni Cattolica* icollha iċ-Cinematografu cull nhar ta tlieta, nhar ta ħamis u nhar ta sibt, barra mil ħdud li fihom ma icunx hemm teatrin: u il ħlas tad-dħul m'hux ħlief *sold* għall barranin u *sitt-ħabbiet* għall'imsieħbin u għat-tfal. Daŭn—it-tfal—fiċ-Cinematografu tal *Unjoni Cattolica*, f'lôc il velenu ta ruħhom u ta kalbhom, isibu id-daŭl u il għaxka. Nhar il ħadd li gejj, hemm it-teatrin, fit-8 ta fil-għaxija. Fost ħuejjeġ oħra, hemm id-drammma : *Iż-Żeŭġ Surgenti*.

# Il-Lsien malti.

*Jecc ma tafx kŭiel pajjisec*
*Kŭiel min taf, kŭiel kaddisec?*

Lil Ħabibi G. Casolani

Kŭiel min taf, jecc ma tafx kŭielet pajjisec?
Ilsien min tħobb jecc mux il-dac ta' fommoc?
Jecc ċħadt il-dac il-lsien li tatec ommoc,
Ilsien min tbus, ngħid jien, ilsien kaddisec?

Dac il-lsien illi bih ċchejchen tarbija
Għala l-cliem l-eŭŭel darba l-fommoc ftaħt,
Illi bih l-eŭŭel darba mort sejjaħt
L-ismijiet tal-għeżież Gesù u Marija;

Dac il-lsien, li fuk fommoc inti tgħożż,
Mux le 'għar minn xi ilsna żeblieħin,
Li bihom, biex xi krejjen xemniekin
Lilu tmakdar, iċċejjak dlonc u tħożż.

Dac il-lsien chien li bih Missierijietna
Uriet lil-ġnus chif trodd bil ħżuż il-ħsieb;
B-dac il-lsien chien li Paŭlu l-*Aħbar* gieb,
L-*Aħbar Tajba* li fdietna, li hennietna.

Dac il-lsien chien li bih f-kadim iż-żmien
L-imsemmija ta' Sajda u Sur l-ulied,
Minn tarf sa tarf l-ibħra magħrufa ġriet
Is-sengħa u l-għerf biex tiżra cullimchien.

Dac il-lsien chien li daŭra mejt mal-plajja
Tal-*Geŭŭieni* ked' donni nisma jidŭi,
Cull-fejn il-baħri, in-nissieġ, jo'l bidŭi
Minn tal-Feneħ ħaŭtiel għammar fil-ħajja.

Dac il-lsien chien li mil-ulied Surìn
L-eŭŭel darba nstama f-*Xagħret Meŭŭija*;
U minn fommhom għal fomm tagħna l-Maltin
Kaŭŭi sħiħ żamm elfejn sena u sitt mija.

U bħalma, o Malta, la killa meŭŭieġa,
La meŭġ heżżieżi, la saħħa feŭŭieġa,
La xŭabel toroc, la kerk u la hemm,
Ma setgħet katt *Lilec* tekred u ittemm,
Hecc dejjem ħajj baka' tiegħec il-*lsien*;
U hecc jibka sa jintemm iż-żmien taż-żmien.

G. Micallef.

---

Illum, ma nistgħux nictbu hecc iżjed bil Malti, għax ħafna cliem, għad li fiħ innifsu sâfi minn cull tebgħa u ta saħħa cbira, intesa għal-collox; u disgħa u disgħin fil mija iridu ifittxuħ fid-*Dizziunarju*, biex icunu jafu x'ifisser: imma la hu f'*poeżija*, inħalluħ chif in hu. Jecc m'hux ħaġ'oħra, juri li il *Lsien Malti*, għal-chemm imżeblaħ, hu fiħ in-nifsu għâni: u għad haŭn min jafu. Il *poeżija* fil *Ħabib* għandha ucoll il jedd taħħa, bħal cull xorta ta tagħlim u ta aħbarijet oħra: u min ma jafx bil Malti, *b'ilsien art tŭielidu*, daks is-Sur G. Micallef, jeŭ iħalli din il *poeżija* għal min jaf jeŭ iħaddem id-*Dizzjunarju*. Id-Direzzjoni.

# Chitbulna:—

Għaŭdex,
il....fil 15 ta ottubru, 1912.

Għażiż G.M.A., Direttur,

Nitolboc iggib daŭn iż-żeŭġ versi fuk il bizzilla ta Malta, biex tara x'fama għandha fil pajjiżi il cbar bħalma huma l'Ingħilterra, il Germanja u fl'artijet tal America.

Mela, il bizzilla ta Malta kiegħda tmur f'daŭn l'artijiet, specjalment fil Germanja; u minn hemm kiegħdin jiffirmaŭha bħala bizzilla Germaniża, bil bolla caħla li tgħid *The lace of Hamburg, Germany*: u minn hemm kiegħdin isiefruha fl'America, chif giet f'idejn ħabib tiegħi u bi provi tant ċari irniexxielu u igħarraf li chienet bizzilla maltija, billi kabel ma siefer chien jinnegozja fiha. U billi bizzilla bħal ta Malta ma tinħadem imchien fid-dinja, b'desinni l'actar sbieħ, b'daŭc il moschi li il fabbrichi l'actar famusi tad-dinja ma jagħmluhomx. Imbgħad, iddispiacieħ ħafna għax il bizzilla ta Malta ma jakbeżx għaliha il Gvern: u jagħmlilha il bolla ta Malta, biex ma tistax tagħmel hecc il Germanja.

Mela, issa nitolboc, jecc joghġboc, ixxandar fil Gazzetta tieghec ŭisk imxerrda, il *Habib*, biex daŭc it-torox u il ghômja jisimghu u icabbru l'isem ta din il Għira tant maħbuba.

Nitolboc ucoll tiscużani minn xi cliem li ma kighedtux seŭŭa u ma ixxandarlix ismi.

D. G. S.

## Il Curcifiss ta Gieżu

Fost it-teżori sbieħ u cbar li ghandha il Cnisja Maltija, jinghadd bir-ragjun il famus Curcifiss li jinsab mkieghed ghall kima fil Cnisja ta Gieżu tal Belt. Min hu dac li ma marx iżuru? U fost m.n raħ, min ma bakax scantat u mghaġġeb; u, milkut minn cbira kima, ma 'nxteħitx ghar-rcopptejħ kuddiemu? Min kghad jifliħ seŭ, u ma ntleŭx ghajnejħ bid-dmuħ? Dac il gisem imbenġel u mtertak, dac id-demm maghkud, daŭc il piaghi miftuħa, dac il ghadam li jintghadd, collox jimliec b'ŭaħx imkaddes, jicsirlec kalbec, u trid jeŭ ma tridx iġaghlec tibchi. U xi nghidu minn dic ir-ras imkaddsa mniżżla fuk is-sider collha minfuda, collha ippiagata, collha mtertka u mitluka?

Meta tħares lejn dan il Curcifiss, jigi kuddiem ghajnejc il cliem, li kâl minn Gesù imsallab il Profeta Isaija: «Hsiebniħ bħal imġiddem u imsaŭŭat u imcecchen mn'Alla.»

Dan il Curcifiss hua sabiħ bħala opra ta sengha cbira; iżda ictar milli hua sabiħ, hu ghażiż. Jixrak li nsemmu chif sar u meta.

Chienet is-sena 1697. Chien giè Malta Patri ta Gieżu, taljan, flimchien ma ghaxra oħra, u chienu sejjrin ghat-Terra Santa. Dac il Patri chien maħbub u mghoddi bħala kaddis. Il procuratur tal Arciconfraternita tal Curcifiss, li tinsab imŭakkfa fil Cnisja ta Gieżu tal Belt, chien f'dac iż-żmien certu Frangiscu Romeo. Dan chien ghamel ħabib ma dac l'imsemmi Patri taljan; u billi inzerta dan jaf jaghmel li statŭi tal injam, giè mitlub mis-Sur Romeo biex jaghmillu Curcifiss. Laka bil kalb din it-talba il Patri u malajr bida ix-xoghol. Collox chien sejjer ħarir u il gisem tal Curcifiss chien lest: ma chienx jonkos ħlief ir-ras. Iżda haŭn il Patri ħabat jitħaŭŭad u jakta kalbu; u, chif chien hecc ħusbien, ghajnu marret biħ u rakad rakda ġmielha.

Sa dat-tant is-Sur Romeo mar biex jaghmel żjara lill Patri u jara ucoll ix-xoghol f'hiex inhu. Ghalhecc ħabbatlu il bieb taċċella. Stenbaħ allura il Patri; u tistghu taħsbu il ghageb cbir tieghu, x'ħin iħares lejn il Curcifiss u isibu lest. Min ghamel dic ir-ras tal Curcifiss u ghakkadha hecc tajjeb mal bkija tal gisem ġà lest? Ftit kabel, meta in-nghas ghaleb il Patri, ma chienetx hemm u dan ma chienx jaf chif sejjer jibda jaghmilha. Fiċ-cella ħadd ma chien daħal. Idejn ta bniedmin ma setghux jaghmluha u hemm ikieghduha. Mnejn giet, immela, u min ħadimha? Ma jidhrilniex li żbalja il Patri, meta ħaseb u kâl li g.et mis-sema u chienet xoghol tal Anġli.

Jecc Romeo bakax ictar mghaġġeb jeŭ ferħan hia ħaġa li ma nistghux nghidu. Fuk din il ġrajja hecc tal ghaġeb, il Patri ŭissa sħiħ lill Romeo biex ma jitchellimx, kabel ma ighaddi xi żmien, fuk li icun ħalla il Malta; chif ucoll ŭiddbu biex ighożż tajjeb dic ix-xbiħa mkaddsa u jatiha kima cbira, billi ucoll ma tinchixifx kabel ma jixeghlu xi xama kuddiemha.

Dina li storja tidher imniżżla fil chitba (atti) tal mejjet Nutar Gann Frangiscu Dos; ghaliex l'imsemmi Frangiscu Romeo, *ghaddaŭl tal verità u it-tħaffif tal cuxienza*, taħt ġurament stkarr dan il fatt kuddiem l'imsemmi Nutar u żeŭġ xhiedha.

Xbiħa hecc devota, u il maniera tal ghaġeb chif saret u giet ir-ras ta dac il Curcifiss, gibdet bosta nies lejha. Ta cull jum, imma ŭisk iżjed nhar ta gimgha, ġurnata li fiha dic ix-xbiħa tcun micxufa, ghax fil ġranet l'oħra tcun mghottija, cont tara ktajja cbar ta nies sejjrin ta Gieżu iżuru li msemmi Curcifiss. Mhux biss mil belt, iżda ucoll mill'ibghad irħula chienu imorru in-nies nhar ta gimgha jitkarbnu ta Gieżu fl'Artal tal Curcifiss. Ŭħud saħansitra chienu jiġu il Belt, mil Campanja, minn aŭl-il-lejl, biex fil-ghodu cmieni jistghu isibu ruħhom ta Gieżu u hemm icomplu id-devozzjonijet taħhom. Chif kalulna, chien icun hemm tant tkarbin, li il Cumpanija tal Curcifiss ħtiegilha taghmel Tabernaclu fl'Artal imsemmi, biex spiss icun jista isir it-tkarbin f'dac l'Artal minn ghajr taħŭid tal funzjonijet l'oħra li jista icun hemm fil Cnisja.

Chemm grazzi nkalghu per mezz ta dic ixxbiħa mkaddsa ma nafux nghidu. Ma nistghux nifhmu chif din id-devozzjoni ma ghadhiex cbira bħal dari; iżda birdet, ma nghidux ghal collox. Forsi, ghax, specjalment fil campanja, ma jafux b'dan il Curcifiss miraculus; u oħrajn li jafu biħ, inseŭ li storja tieghu hecc sbejjħa u tal ghageb. Ghal daŭc u ghal daŭn, mitlubin, ħażżejna daŭn iż-żeŭġ chelmiet, bit-tâma li naraŭ din id-devozzjoni ticber, u li aħna Maltin ngharfu nistmaŭ il ħŭejjeġ sbieħ u tal ghageb, li ghandna ixxorti li nippossiedu. Min katt ma rà dan il Curcifiss, imur ta Gieżu nhar ta gimgha; u fl'eŭŭel cappella, inti u dieħel il Cnisja, ma idec il-leminija, tilmħu fuk l'Artal. Ma jistax icun li minn hemm tŭarrab, kabel ma taghmel Att ta kima lill Gesù Msallab, u ma tghidx f'kalbec, b'ruħec maghfusa: Hecc chellu icun imbiccer, imtertak u mibdul il Gisem Imkaddes ta Gesù fuk is-salib ŭara li miet ghalina!

Dun Carm Żammit.

## Ma dûar id-dinja.

*Balcani*—Il Potenzi gharrfu lit-Turchija li il vapuri li bakghu fid-Dardanelli u fil Bosforu ma tistax iżżommhom ghax ma chienx hemm dichiarazzjoni ta gŭerra.

Il Grecja, ŭara li xtrat dac collhu li jinħtieġ ghall gŭerra, fadlilha sitt miljuni u nofs liri, biex jaghmlu tajjeb ghall bżonnijet li ghad jista icun hemm.

Il Montenegrini ħadu Berana, ŭara battalja kaŭŭija; kabdu erbatax il canun Krupp, ħafna munizzjonijet li ghadhom bla mimsusa, provviżjonijet ghal xahrejn u seba' mija prigjunieri. Il Montenegrini chellhom 10 mejtin u 30 feriti.

Żeŭġ frejgati u żeŭġ crużers telku mid-Dardanelli u marru il Bosforu. Jissopponu li it-Toroc sejjrin jatu xi salt ghall costa tal Bulgarja, ghax ghandhom lesti ħafna trasporti.

Il Bulgarja kabdet vapur rumenu, li chien micri mit-Turchija u mghobbi bin-nies minn Varna. Ir-Rumanija talbet li jatuha il vapur taħħa, u il Bulgarja kalet iva.

Zeŭġ ganbottijet grieghi ħadu il golf ta Arta fejn jistghu icunu ipprovduti it-truppi grieghi tal Epiru.

It-Turchija iddichjarat gŭerra lill Bulgarja u lis-Serbja.

*Inghilterra*—Fid-19 ta dan ix-xahar telket it-*Third Battle Squadron* ghall Mediterran. Daŭn huma tmien frejgati mill'actar kaŭŭija. Jidher biċ-ċar li l'Ingliżi iridu ighinu lis-Sultan, ghax ghandhom miljuni ta Musulmani fl'Imperu bħala sudditi tar-Re Giorġ; infatti il Musulmani ta Natal talbu lill gvern biex ighinu it-Turchija contra l'Italja u li Stati tal Balcani.—Din il flotta, billi sejjra tiekaf Gibiltà, tasal Malta ghall'aħħar taxxahar.

Donnu li Stoneham hu pajjiż fejn in-nies ighixu bosta; illum jinsabu John Deaves li ghandu 108 snin, Francis Crocks 102, John Mitchell 101, Fred: Finborn 100, William Tyler 100, martu Susanna 93, Z. Bantick 98 u Ellen Hunt 93 sena.

Nhar l'erbgha li ghaddeŭ, bdeŭ, fil Parlament, jiddiscutu fuk il *Home Rule* ghall'Irlandiżi.

Il ħamis saret lakgha cbira f'Albert Hall (Londra) tan-nisa suffragisti.

Il ġurnali franciżi u germaniżi ċanfru dan il gvern li ma giebx ruħu seŭŭa fl'affari tal gŭerra ma li Stati żghar tal Balcani.

*Franza*—L'Arc-Iskof ta Beyrut, Monsinjur Pietru Chebli, li chien fil Cungress ta Vienna, ghadda minn Parigi, fejn chien ghamel li studji tieghu u giè decurat mil gvern bil Legjun tal Unur.

Il gvern hu ŭisk generus mas-slaten li checċa minn pajjiżhom biex idaħħal iċ-ċiviltà. Daŭn huma Abdul-Aziz u ħuħ Mulej Hafid tal Marocc, Sajd Alì ta Comore, Acil ta Oŭadi, Ranavalo regina tal Madagascar, is-Sultan ta Tuareg, il Princep Duiah Saillou, u it-tifel ta Behanzin, sultan ta Dahomey. Ilcoll ghandhom libertà li imorru fejn iridu u ghandhom pensjoni biex ighixu tajjeb. Mulej Hafid ghandu ħmistax l'elf lira fis-sena, bħala pensjoni.

Tlieta jeŭ erba' ġurnali ighidu li il Papa sejjer Malta ghal collox. Ġaghalhom jissopponu dan ghax il Cungress ta Malta sejjer isir malajr ŭara dac ta Vienna. Minn dan collu ma' hu veru xejn, ghax il Papa jibka fejn San Pietru, il Princep tal Appostli, ċarċar demmu.

*Italja*—Niżżu-ħajr ll'Alla li il paci saret! Il ministri taljan u torc iffirmaŭha f'Ouchy (Svizzra); ghadhom ma jafux taħt liema condizzionijet saret: jintghat li l'isoli ghandhom jerġghu imorru ghand it-torc, li dan ghandu jircievi somma ta flus cull sena, li soltu chienet tinbaghat minn Tripli biex jitħallas id-dejn torc, u li it-truppa torca titlak minn Tripli dlonc.

W.

Mil Lucerna tal Hajja. — 29. Ŭiddeb il proxxmu bil ħleŭŭa u bl'imħabba: u fejn m'hemmx smiħ, titfax cliem.

### Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali.

AVVIS.

Jen, haŭn iffirmat, nircievi, fl'isem tas-Sotta-Cumitat ghat-Tiżjin tat-torok, sa nhar l'erbgha, 30 ta dan ix-xahar, *Offerti* biex isiru *Xoghlijet tal injam* bil pattijet li jati li stess Sotta-Cumitat.

Dan is-Sotta-Cumitat iżomm il jedd li ma jilka ebda ŭaħda mill'*Offerti*.

Strada Forni, 150
(Culleġġ-Flores)

Renzu Flores,
Segretarju tas-Sotta-Cumitat.

MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

## Taħbit il moħħ.




C. Griscti.

L'aħħar *Ghidli x'in hu* chien:—

*Rmied—Ŭarrani—Sparlu—Aħħar—Raħal—Ichel—Ŭieħed* = Rusariu.

Giebuħ tajjeb; mil Belt, ir-Rev. Dun Giusepp Gaŭci, is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sinjuri Gius. Attard, C. Griscti, Ch. James Lowell u Paŭlu Camilleri-Bezzina.